**ĦAL LUQA**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 49 – IL-ĦAMIS 20 TA' ĠUNJU 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa il-Ħamis 20 ta' Ġunju fil-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Denise Cutajar | Viċi Sindku |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Elaine Camilleri Schembri | Kunsillier |
| | Lucia Massa | |
| Skużat | Kearon Bruno | Kunsillier |
| Uffiċċjali preżenti: | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1. Ma kienx hemm ittri t' apoloġija.

## 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2. Il-Kunsillier Caruana qal li fuq il-punt 4.1 din riedet tkun qabel il-festa u mhux wara Ġunju.

2.3 Il-minuti ġew ipproponuti mill-Kunsilliera Massa u ssekondati mill-Kunsillier Camilleri.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku beda billi feraħ lil dawk il-Kunsilliera li ġew eletti għall darb oħra u qallhom li fil-jiem li ġejjin se jkun qed jibgħat għalihom biex jassenjalhom id-dekasteru rispettiv tagħhom. Huwa qallhom li se jkun qed jitlobhom biex jippreparawlu rapport fix-xahar fuq il-progress li jkunu wettqu fuq il-qasam tagħhom. Huwa semma wkoll li jridu jibda jiġi ppubblikat il-magazine darbtejn fis-sena.

3.2. Is-Sindku irringrazzja wkoll lil Viċi Sindku u l-Kunsilliera Camilleri Schembri tas-sehem li kienu taw fil-Kunsill. Huwa awguralhom għall futur. Is-Sindku kkonkluda li l-Kunsill preżenti kien ħadem tajjeb ħafna u jistenna li l-leġislatura l-ġdida tkun qed taħdem tajjeb ukoll.

3.3. Is-Sindku semma li saru x-xogħolijiet fi Triq ir-Rixtellu u anki qed isiru x-xogħolijiet fi Triq Wied in-Noqor. Huwa qal li l-mod kif kien qed isir ix-xogħol hawnhekk ma kienx skont is-sengħa u kien qed jitħalla ħafna ħmieġ u nuqqas ta' sigurtà. Huwa qal li kien kellem l-uffiċċjali tat-TM biex jintervjenu.

3.4 Is-Sindku qal li kienu qed isiru x-xogħolijiet fi Triq Valletta u kien hemm xi karozzi li qed jipparkjaw fuq il-bankina. Huwa qal li kien tkellem mal-Pulizija biex hawnhekk ma jħalluhomx jagħmlu hekk. Huwa qal ukoll li kien kellem lill-kuntrattur li kien qed jagħmel ix-xogħolijiet tal-water culverts biex jieqaf temporanjament peress li kienet ġejja l-festa.

3.5 Is-Sindku semma li l-Gvern se jalloka Euro 5,000 biex jintużaw għall xogħolijiet ta' tisbiħ fuq ġewwa tal-komun tal-blokok tal-Gvern fi Triq il-Ġdida u Triq G Bonavia. Huwa qal li wara li jitlestew dawn ix-xogħolijiet naraw jekk jibqax bżonn li ssir xi ħaġa hawnhekk u filkaż issir minn naħa tal-Kunsill Lokali.

3.6 Is-Sindku ressaq invit li kien wasal minn naħa tal-Każin tal-Unjoni fuq kunċert ta' żmien il-festa biex nattendu għalih.

3.7 Is-Sindku semma li kienet ser issir laqgħa fuq skema tal-attivitajiet kulturali u ppropona biex il-Kunsillier Eric Camilleri jattendi għaliha.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1. Il-Kunsillier Camilleri saqsa nistgħux nġibu xi fondi biex nużawhom għall ħitan tas-sejjiegħ fi Triq Valletta. Is-Sindku qal li kien hemm miżura apposta tal-GAL Xlokk għalhekk.

4.2 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq x' se jsir fuq l-art fejn kien hemm il-barriera u li ġie imħabbar li se jsir proġett. Is-Sindku semma li bħala Kunsill ma konna nafu b' xejn u ktibna lis-Segretarju Parlamentari konċernat fuq il-każ. Il-Kunsillier Caruana qal li bħala Kunsill nistgħu nipproponu biex hawnhekk ikun hawn parkeġġ biex inaqqas mill-konġestjoni fuq ġewwa.

4.3 Il-Kunsillier Caruana qal li hemm it-Triq ta' maġenb Hili li hemm bżonn li tingħata resurfacing mill-ġdid u jkun tajjeb li għalhekk nipproponuha mal-proġett. Huwa qal li fi Triq Valletta maġenb il-fabbrika tal-GSD hemm is-siġar li għandhom bżonn żabra kif suppost. Is-Sindku qal li se jkun qed jara x' hemm bżonn isir.

4.4 Il-Kunsillier Caruana qal li l-aperturi tal-Kunsill għalkemm dawn kienu inbdew ma tkompliex ix-xogħol fuqhom. Is-Sindku qal li se nkellmu lil minn kien qed jagħmilhom biex ikompli jaħdem fuqhom.

4.5 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn li jmorru l-ħaddiema fiċ-Ċimiterju ta' Valletta Road biex ineħħu l-weraq niexef li ma jmurx dan jieħu n-nar.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL STATEMENTS

5.1 Is-Segretarju qal li kien qed jerġa jressaq għall approvazzjoni tal-Kunsill Lokali peress li dawn ġew audited issa. Huwa qal li matul l-audit saru xi aġġustamenti li spiċċaw biex biddlu l-istampa li kellna fil-bidu.

5.2 Is-Segretarju semma li għas sena l-oħra l-Kunsill kien spiċċa biex issa qed jidher defiċit, għalkemm l-istatement of financial position mhux qed jieħu in konsiderazzjoni il-flus li kellu l-Kunsill Lokali fil-kont bankarju. Huwa qal li dan id-defiċit kien ikkaġunat peress li kien hemm direttivi ġodda biex id-depreciation tal-assi tkun ikkalkulata fuq il-useful lifetime u kien hemm depreciation fuq resurfacing tat-toroq li ma kinitx ikkalkulata u li kienet ġejja minn snin preċedenti.

5.3 Il-financial statements ġew ipproponuti mill-Kunsilliera Massa u ssekondati mill-Kunsillier Caruana.

## 6. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-EVALWAZZJONI TAT-TENDERS

6.1 Is-Segretarju semma li saret l-evalwazzjoni ta' żewġ tenders li kienu għall bini tal-ħitan tas-sejjiegħ u dak tal-ġbir tal-iskart goff. Huwa qal li l-Bord kien kompost minn Dr. Philip von Brockdorff, Dr. Hubert Theuma u l-Perit Christian Buhagiar. Huwa qal li dan il-Bord kien ressaq ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kunsill Lokali.

6.2 Fil-każ tat-tender għall ġbir ta' skart goff is-Sehretarju qal li kien hemm żewġ offerti fosthom dik tal-kuntrattur eżistenti. Il-kuntrattur eżistenti kien qed jitlob Euro 6 għall kull ġabra filwaqt li l-kuntrattur l-ieħor kien qed jitlob Euro 12. Is-Sindku ippropona li mmorru għall orħos offerta. Il-Kunsilliera preżenti qablu b' vot unanimu.

6.3 Fuq it-tender tal-bini tal-ħitan tas-sejjiegħ kien hemm tlett offerti biex isiru dawn ix-xogħolijiet f' Ta' Garnaw. Is-Segretarju semma li l-orħos offerta kienet dik ta' Euro 112,896, filwaqt li t-tieni l-orħos kienet ta' Euro 189,324.71. Huwa qal li hawnhekk ukoll ma konniex qed nitolbu xi specifications partikulari. Is-Sindku ippropona li mmorru għall orħos offerta. Il-Kunsilliera preżenti qablu b' vot unanimu.

## 7. ĦARĠA GĦALL GĦAWDEX

7.1 Is-Sindku semma li kienet ser ssir ħarġa għall Għawdex wara l-festa fil-11 ta' Lulju. Huwa appella lill-Kunsilliera biex jwasslu l-kelma u jkun hemm aktar nies li jinkitbu għall din il-ħarġa.

## 8. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

8.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq pagamenti.

## 9. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

9.1 Il-laqgħa ġiet fi' tmiemha Il-Ħamis 20 ta' Ġunju 2019 fis-6.30 pm. Ma kienx hemm ġurnata proposta għall laqgħa li jmiss.

**John Schembri**

**SINDKU**

**Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA**

**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**